# BLA MITMUM

*Ta'* KARMENU MALLIA

Jitqal moħħi daqqiet bi ħsibijieti
Fejn jistaħbewli, bħal xi anġli mkenna
Ġo ruħ il-lejl misbaħ il-jum tistenna,
Li jħejju t-telqa għall-għamar ta' ridieti.

U l-abjad ta' quddiemi b'ħożż għanjieti
Inlewwen nibda; imbagħad dehriet il-Ġenna
Tal-Poeżija jgħibu f'salt; bla tenna
Jinħbew; u nirżaħ taħt nuqqas nebħieti.

Niftakar dlonk fl-Imgħallem tas-Sistina,
Li beda jonqox xbieha ta' irsir
Mingħajr ma temmha; sfiqa 'mma miskina

Is-sura li tant ħadem biex jurina.
Minn idu nara l-iskalpell itir,
U jħalli ġisem waħdu fit-twegħir.

N.B. L-Irsir bla mitmum huwa statwa ta' Michelangelo għal fuq il-qabar ta' Giulio II fl-Accademia di Firenze, maħduma bejn l-1581 u l-1524.